



Dokument ta' sessjoni

B9-0063/2024 }  
B9-0066/2024 }  
B9-0072/2024 }  
B9-0076/2024 }  
B9-0078/2024 }  
B9-0080/2024 } RC1

17.1.2024

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 144(5) u l-Artikolu 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0063/2024 (The Left)

B9-0066/2024 (Verts/ALE)

B9-0072/2024 (S&D)

B9-0076/2024 (Renew)

B9-0078/2024 (PPE)

B9-0080/2024 (ECR)

dwar it-theddida ta' karestija wara t-tixrid tal-kunflitt fis-Sudan  
(2024/2505(RSP))

**Janina Ochojska, Željana Zovko, David McAllister, Andrius Kubilius,  
Vangelis Meimarakis, Luděk Niedermayer, Vladimír Bilčík, Peter Pollák,  
Michaela Šojdrová, Jiří Pospíšil, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere,  
Inese Vaidere**

f' isem il-Grupp PPE

RC\1294562MT.docx

PE756.748v01-00 }  
PE756.751v01-00 }  
PE756.757v01-00 }  
PE756.761v01-00 }  
PE756.763v01-00 }  
PE756.765v01-00 } RC1

**Pedro Marques, Carina Ohlsson**

f' isem il-Grupp S&D

**María Soraya Rodríguez Ramos, Petras Auštrevičius, Izaskun Bilbao Barandica, Olivier Chastel, Bernard Guetta, Svenja Hahn, Michael Kauch, Ilhan Kyuchyuk, Karen Melchior, Javier Nart, Jan-Christoph Oetjen, Dragoş Pişlaru, Frédérique Ries, Ramona Strugariu, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans**

f' isem il-Grupp Renew

**Pierrette Herzberger-Fofana, Jordi Solé, Hannah Neumann**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Anna Fotyga, Karol Karski, Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki, Assita Kanko, Veronika Vrecionová, Witold Jan Waszczykowski, Lars Patrick Berg, Waldemar Tomaszewski, Bogdan Rzońca, Elżbieta Kruk, Elżbieta Rafalska, Adam Bielan, Anna Zalewska, Eugen Jurzyca, Alexandr Vondra**

f' isem il-Grupp ECR

**Miguel Urbán Crespo**

f' isem il-Grupp The Left

**Fabio Massimo Castaldo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-theddida ta' karestija wara t-tixrid tal-kunflitt fis-Sudan (2024/2505(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sudan,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Impenn ta' Jeddah għall-Protezzjoni ta' Ċittadini tas-Sudan,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kunflitt vjolenti bejn il-Forzi Armati Sudani u l-Forzi ta' Appoġġ Rapidu għadu l-mutur ewlieni wara l-insigurtà alimentari akuta u ta' theddida għall-ħajja fis-Sudan, li tolgot lil 18-il miljun persuna, u li 5 miljun minnhom jinsabu f'livelli ta' għuħ ta' emerġenza;
- B. billi aktar minn 7.5 miljun persuna ġew spostati b'mod furzat fis-Sudan u lil hinn minnu, u dan wassal għal tbatija severa, b'mod partikolari fost in-nisa u t-tfal; billi s-Sudan issa għandu l-akbar numru ta' persuni spostati fid-dinja;
- C. billi madwar 12 000 persuna nqatlu fil-kunflitt; billi l-attakki b'motivazzjoni etnika, b'mod partikolari kontra l-komunità tal-Masalit, żdiedu fid-Darfur u fil-pajjiż kollu, u dan kabbar b'mod serju r-riskju ta' tindif etniku; billi l-vjolenza sesswali ntużat b'mod sistematiku;
- D. billi l-kunflitt aggrava b'mod drammatiku n-nuqqasijiet ta' provvisti bażiċi u ta' fjuwil f'żoni b'aċċess umanitarju ristrett; billi l-kunflitt espanda għal żoni fejn jiġu prodotti l-qmuħ; billi l-pajjiż għandu l-ogħla rata ta' malnutrizzjoni tat-tfal globalment;
- E. billi l-attakki fuq il-ħaddiema umanitarji u l-infrastruttura wasslu biex l-organizzazzjonijiet jissospendu l-operazzjonijiet, u b'hekk fixklu s-sigurtà alimentari;
- F. billi fl-2023 il-Kummissjoni mmobilizzat aktar minn EUR 128 miljun għar-rispons umanitarju tagħha fis-Sudan;
1. Jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza kontinwa bejn il-fazzjonijiet armati rivali fis-Sudan, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-insigurtà alimentari li tirriżulta; jiddeplora l-attakki ripetuti kontra ċ-ċivili u jfakkar lill-fazzjonijiet kollha dwar l-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali;
2. Jistieden lill-partijiet kollha fil-kunflitt iwaqqfu minnufih l-ostilitajiet, jiffaċilitaw aċċess umanitarju sikur, f'waqtu u mingħajr xkiel, inkluż billi jissodisfaw l-impenji ta' Jeddah tagħhom, u jfittxu riżoluzzjoni paċifika negoziata għall-kunflitt; jappoġġja bis-

sħiħ l-isforzi reġjonali u internazzjonali kollha f'dan ir-rigward; jistieden lill-partijiet esterni fil-kunflitt joqogħdu lura minn interferenzi li jikkontribwixxu għall-kunflitt u l-instabbiltà;

3. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess ekwu għall-għajnuna umanitarja għaċ-ċivili li huma soġġetti għal għied kontinwu, għal nuqqas ta' ikel, ta' ilma u ta' fjuwil, għal komunikazzjonijiet u elettriku limitati, u għal prezzijiet għoljin ħafna għal oġġetti essenzjali;
4. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-finanzjament ta' emerġenza għar-rispons umanitarju fis-Sudan kollu u fil-pajjiżi ġirien tiegħu; jissottolinja l-ħtieġa ta' appoġġ speċifiku għas-superstiti tal-vjolenza sesswali, inklużi l-mekkaniżmi ta' protezzjoni, kura, trattament u appoġġ;
5. Jitlob lill-UE tissanzjona lil dawk responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem skont ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jissanzjona l-ksur tal-embargo tal-armi tan-NU fuq id-Darfur u jespandi dan l-embargo fil-pajjiż kollu;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-awtoritajiet tas-Sudan, lill-Unjoni Afrikana, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Parlament Pan-Afrikan.